MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 146/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Omar Abdul Karim**
**Sean Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Omar Abdul Karim u Sean Zammit talli:

(a) Fi Triq il-Fliegu l-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, nhar is-27 ta' Frar 2004 ghal habta tas-1.30 p.m., ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Gerald Colin Kershaw, turist anzjan ta' 68 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmi Gerald Colin Kershaw, u martu Sheila Margard;

(b) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Gerarld Colin Kershaw, anzjan ta’ 68 sena kif gie ccertifikat mit-tabib Christopher Spiteri;

(c) Fil-lejl ta’ bejn is-26 u s-27 ta’ Frar 2004, f’San Pawl il-Bahar, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti fosthom somma ta’ Lm300 fi flus kontanti, mobile phone ta’ ghamla Nokia 3310 u cwievet mill-fond numru 41 Triq San Gwann Battista, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, valur, persuna u bil-lok u li sar ghad-detriment ta’ Colin Portelli;

(d) Fl-istess hin, lok u cirkostanzi, ikkommettew serq ta’ vettura tal-ghamla Fiat Brava bin-numru ta’ registrazzjoni ABI-142, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000), mezz, hin u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta’ l-imsemmi Colin Portelli;

(e) Nhar il-25 ta’ Frar 2004 ghal habta tas-6.10 p.m., fi Triq il-Kappillan Mifsud il-Hamrun, ikkommettew serq ta’ vettura ta’ ghamla Renault 19 bin-numru ta’ registrazzjoni CAM 972, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000), xorta tal-haga misruqa u hin, u li sar ghad-detriment ta’ Abdullah Joudat minn Rahal il-Gdid;

(f) Nhar is-27 ta’ Frar 2004 ghal habta tas-2.20 p.m., fi Fleur De Lys Birkirkara, ikkommettew serq ta’ vettura ta’ ghamla Peugeot 206 bin-numru ta’ registrazzjoni LEK 637, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000), u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment tal-kumpanija Maltacom u / jew tad-dirigenti ta’ Meli Garage;

(g) Nhar it-23 ta’ Frar 2004 ghal habta tas-6.30 p.m., fi Triq il-Kappillan Mifsud il-Hamrun, ikkommettew serq ta’ vettura ta’ ghamla Hyundai Accent bin-numru ta’ registrazzjoni CAF 703, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000), bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ Oscar Attard;

(h) Nhar il-5 ta’ Jannar 2004 ghal habta ta’ l-4.45 p.m., fi Triq il-Kappillan Mifsud il-Hamrun, ikkommettew serq ta’ vettura ta’ ghamla Mitsubishi RVR bin-numru ta’ registrazzjoni HBA-547, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000), u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta’ Robert Mifsud minn Santa Venera;

(i) Fi Triq il-Marfa l-Ghadira limiti tal-Mellieha, nhar il-25 ta’ Frar 2004 ghal habta ta’ 11.40 a.m., ikkommettew serq ta’ basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta’ Jeanette Harrison, turista anzjana ta’ 68 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u li sar ghad-detriment ta’ l-imsemmija anzjana Jeanette Harrison;

(j) Fi Triq il-Bajja ta’ San Gorg, San Giljan nhar il-25 ta’ Frar 2004 ghal habta ta’ 12.30 p.m., ikkommettew serq ta’ basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta’ Jacqueline Anne Jeffrey, turista anzjana ta’ 61 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u li sar ghad-detriment ta’ l-imsemmija anzjana Jacqueline Anne Jeffrey;

(k) Fi Triq il-Marfa, Cirkewwa limiti tal-Mellieha, nhar il-25 ta’ Frar 2004 ghal habta ta’ 11.45 a.m. ikkommettew serq ta’ basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta’ Cathelene Jean Stevens, turista anzjana ta’ 62 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u li sar ghad-detriment ta’ l-imsemmija anzjana Cathelene Jean Stevens;

(l) Fi Pjazza Vittoria l-Mellieha, nhar is-26 ta’ Frar 2004 ghal habta ta’ nofsinhar, bil-hsieb li jikkommettu reat ta’ serq ta’ basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta’ Iris Tudge, turist ta’ 57 sena, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` taghhom;

(m) Fi Triq is-Sajjieda San Pawl il-Bahar, nhar is-26 ta’ Frar 2004 ghal habta tan-12.30 p.m., ikkommettew serq

ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Kathelene Anne Roberts, turista ta' 58 sena liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmija Kathelene Anne Roberts;

(n) Fi Triq il-Kbira Mellieha, nhar is-26 ta' Frar 2004 ghal habta tal-12.15 p.m., ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Inge Marie Hingsgaul, turista anzjana ta' 74 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmija anzjana Inge Marie Hingsgaul;

(o) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-imsemmija Inge Marie Hingsgaul, anzjana ta' 74 sena, kif iccertifika t-tabib Dr. Saviour Borg tal-Karizia Medical Centre l-Mellieha;

(p) Fi Triq il-Fliegu l-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, nhar is-27 ta' Frar 2004 ghal habta tas-1.30 p.m., ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Gerald Colin Kershaw, turist anzjan ta' 68 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmi anzjan Gerald Colin Kershaw u martu Shiela Margard;

(q) Fi Triq il-Kbira tas-Sliema, nhar is-26 ta' Frar 2004 ghal habta tad-9.00 p.m., ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Tatjana Nikolic, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmija Tatjana Nikolic;

(r) Fi Triq il-Marfa c-Cirkewwa limiti tal-Mellieha, nhar is-26 ta' Frar 2004 ghal habta tad-9.00 a.m., ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Jean Elizabeth Dobbins, turista anzjana ta' 65 sena liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmija Jean Elizabeth Dobbins;

(s) Fi Triq Santa Marija Mellieha, nhar it-28 ta' Frar 2004 ghal habta tad-9.30 p.m., ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Mary Coleiro, anzjana ta' 64 sena, liema serq huwa

kkwalifikat bil-valur u bil-hin u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmija anzjana Mary Coleiro;

(t) Fi Triq il-Qawra, Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, nhar is-27 ta' Frar 2004 ghal habta tad-9.30 p.m., ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Ronald Lane, turist anzjan ta' 72 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmi anzjan Ronald Lane;

(u) Fi Triq il-Marfa, Marfa limiti tal-Mellieha, nhar l-1 ta' Marzu 2004 ghal habta tal-11.30 a.m., ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Susan Wilson, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmija Susan Wilson;

(v) Fi Triq il-Kbira tas-Sliema, nhar is-26 ta' Frar 2004 ghal habta tas-6.30 p.m., ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Theresa Montfort, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmija Theresa Montfort;

(w) Fi Triq Sir Adrian Dingli tas-Sliema, nhar id-29 ta' Frar 2004, ghal habta tal-11.40 a.m., ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Maria Rita Jaccarini, anzjana ta' 71 sena, liema serq sar ghad-detriment ta' l-imsemmija anzjana Maria Rita Jaccarini;

(x) Fi Triq id-Dragonara San Giljan, nhar id-29 ta' Frar 2004 ghal habta tal-11.30 a.m., ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Doris Bone, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmija Doris Bone;

(y) Fi Triq it-Torri tas-Sliema, nhar is-27 ta' Frar 2004 ghal habta ta' l-10.30 p.m., ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Carmela Grech, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmija Carmela Grech;

(z) Fi Triq il-Bajja ta’ San Gorg San Giljan, nhar il-15 ta’ Frar 2004 ghal habta tas-1.30 a.m., ikkommettew serq ta’ basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta’ Christine Calleja, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ l-imsemmija Christine Calleja;

(aa) Fi Triq ix-Xatt ta’ Tigne, Sliema nhar is-26 ta’ Frar 2004 ghal habta tat-8.00 a.m., ikkommettew serq ta’ pjanci tar-registrazzjoni tal-vetturi bin-numru EAJ-207 minn fuq vettura Honda Civic, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta’ Stephen Cauchi u Alexia Mallia;

(bb) Fi Triq l-Etna Mellieha, nhar it-28 ta’ Frar 2004 ghal habta tas-6.45 p.m., ikkommettew serq ta’ pjanci tar-registrazzjoni tal-vetturi bin-numru CFR-226 minn fuq vettura Mazda, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ Emanuel Vella u/jew Christine Vella;

(cc) Fi Triq it-Tuffieh in-Naxxar, fil-lejl ta’ bejn it-18 u d-19 ta’ Frar 2004 ikkommettew serq ta’ pjanci tar-registrazzjoni tal-vetturi bin-numru ZIZ-002 minn fuq vettura, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ Johan Zammit min-Naxxar;

(dd) Fi Triq Duminku Attard, fil-lejl ta’ bejn il-25 u s-26 ta’ Frar 2004, ikkommettew serq ta’ pjanci tar-registrazzjoni tal-vetturi bin-numru SEL-011 minn fuq vettura ta’ ghamla Opel Corsa, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ Aaron Saliba minn H’Attard;

(ee) Fix-xhur ta’ Jannar, Frar u Marzu 2004, f’diversi lokalitajiet f’dawn il Gzejjer ghamlu uzu min-numru ta’ identifikazzjoni xort’ohra minn dawk mahrugin mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` Dwar it-Trasport ta’ Malta, dwar xi vetturi bil-mutur partikolari, cioe` ghamlu uzu minn diversi pjanci ta’ registrazzjoni fuq vetturi li ma jappartjenux l-istess pjanci;

(ff) Fl-istess perijodu fuq imsemmi, f’dawn il-Gzejjer, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, billi wahhlu diversi numri foloz fuq diversi vetturi;

(gg) Fl-istess perijodu fuq imsemmi, f’dawn il-Gzejjer, ghamlu falsifikazzjoni jew ghamlu uzu minn dokument iehor falsifikat billi uzaw diversi *number plates* foloz fuq diversi vetturi ohra;

(hh) Fl-istess zmien u cirkostanzi, f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer saqu diversi vetturi minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku, u meta ma kinux koperti b’ polza ta’ l-assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni;

(ii) Fl-1 ta’ Marzu 2004 u matul ix-xahrejn ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta sew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Marzu 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Omar Abdul Karim hati ta’ l-imputazzjonijiet a, b, c, d, i, j, k, l, m, n, q, r, s, u, v, w, x, y, z, ee, ff, gg, u hh (b’referenza ghan-nota ta’ l-Avukat Generali tas-27 ta’ Gunju 2005) izda ma sabitux hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra addebitati lilu u minnhom illiberatu u, wara li rat l-artikoli 41, 188, 189, 214, 221, 222A, 261, 262, 267, 274, 276A, 277, 279, 280, 281, 284, 285 u 344 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sitt snin li minnhom ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv, filwaqt illi sabet lil Sean Zammit hati ta’ l-imputazzjonijiet c, d, g, x, ee, ff, gg u hh (b’referenza ghall-istess nota ta’ l-Avukat Generali) filwaqt illi ma sabitux hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra addebitati lilu u minnhom illiberatu u, wara li rat l-artikoli 188, 189, 261, 267, 268, 270, 271, 279, 280, 281, 263, 264, 265,

266, 278 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn li minnhom ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Omar Abdul Karim pprezentat fit-30 ta' Marzu 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

(1) Tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu hati u cioe` fl-imputazzjonijiet a, b, c, d, i, j, k, l, m, n, q, r, s, u, v, w, x, y, z, ee, ff, gg, u hh, u fil-parti fejn illiberatu mill-imputazzjonijiet addebitati lilu;

(2) Tirriformaha fil-parti tal-piena u tinfliggi piena aktar idoneja u li tirrispekkja l-kaz in ezami;

Rat ukoll ir-rikors ta' appell ta' Sean Zammit ipprezentat fit-30 ta' Marzu 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-imputazzjonijiet a, b, e, f, h, i, j, k, l, m, n, o, p, q, r, s, t, u v, w, y, z, aa, bb, cc, dd, u ii, thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata f'dik il-parti taghha fejn sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet c, d, g, x, ee, ff, gg u hh, u tilliberah minn tali imputazzjonijiet u minn kull piena jew alternattivament tvarja s-sentenza f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

<u>L-appell ta' Omar Abdul Karim</u>

L-aggravju ta' l-appellant Omar Abdul Karim huwa dwar il-piena li jqis harxa z-zejjed. Jirreferi ghal sentenzi ohra ta' din il-Qorti – senjatament **Il-Pulizija v. Nicola Farrugia et** tat-2 ta' Ottubru 2002 u **Il-Pulizija v. Jeremy James Farrugia** ta' l-14 ta' Ottubru 2003 – u jghid illi in vista ta' sentenzi bhal dawk ma kien hemm l-ebda gustifikazzjoni li

jinghata piena karcerarja ta’ sitt snin. Jghid illi din il-piena l-anqas ma hi sopportata bil-fatt li l-ko-imputat Sean Zammit, misjub hati ta’ anqas reati, inghata piena ta’ sentejn prigunerija. Jirreferi ghall-fedina penali netta tieghu, l-eta` tenera tieghu, il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija u l-fatt li rregistra ammissjoni.

In materja ta’ piena, kif tajjeb jghid ukoll l-appellant, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

F’dan il-kaz il-piena hija decizament entro l-parametri tal-ligi. Difatti, anke jekk jittiehed kont biss ta’ l-ewwel imputazzjoni, dik immarkata bl-ittra (a) li tirrigwarda is-serq ta’ baskett minn fuq il-persuna ta’ turist anzjan ta’ 68 sena u liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (stante li l-imsemmi anzjan sofra offizi ta’ natura hafifa) u bil-valur (stante li l-valur tar-refurtiva kien in ecces ta’ Lm100 izda mhux Lm1000), il-piena hija dik stabbilita fis-segwenti artikoli tal-Kodici Kriminali: l-artikolu 274(c) li jipprovdi ghal piena ta’ prigunerija ghal zmien minn sentejn sa hames snin, liema piena “ghandha” tizdied bi grad jew tnejn skond l-artikolu 276A – cioe` ghal zmien minn tliet snin sa sitt snin jekk bi grad u ghal zmien minn erba’ snin sa disa’ snin jekk b’zewg gradi. Imbaghad, skond l-artikolu 277(a), il-piena ma tinghatax fil-*minimum* taghha. Kieku wiehed kellu japplika l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali in vista tas-sensiela twila u formidabbli ta’ serqiet li rrizultaw fil-konfront ta’ l-appellant Karim, u dan apparti delitti ohra, il-piena massima setghet addirittura titla’ – b’zieda ta’ zewg gradi – ghal ghoxrin sena.

Issa, l-appellant jaghmel referenza ghal sentenzi ohra moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn ukoll kien hemm sensiela twila ta’ serqiet u ghall-mod kif

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

gew trattati l-imputati f'dawk il-kazijiet kif ukoll jaghmel referenza ghall-mod kif gie trattat il-ko-imputat Sean Zammit. F'dar-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' din il-Qorti (kolleggjali) fis-sentenzi taghha fil-kawzi **Ir-Repubblika ta' Malta v. *omissis* u Brian Godfrey Bartolo** ta' l-14 ta' Novembru 2002 u **The Republic of Malta v. *omissis* and Perry Ingomar Toornstra** tat-12 ta' Gunju 2003 fejn, fiz-zewg kazijiet, gew citati b'approvazzjoni brani mill-**Blackstone's Criminal Practice** u minn **Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice** li jezaminaw x'jghidu l-Qrati Inglizi f'sitwazzjonijiet simili, biex wiehed jislet certi linji ta' gwida.

Hekk f'**Blackstone's Criminal Practice, 2001** (para. D22.47 a fol. 1650) jinghad:

**"A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by *Stroud* (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal's view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his lordship put it, 'The appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court cannot accept'. Other similar decisions include *Brown* [1975] Crim LR 177, *Hair* [1978] Crim LR 698 and *Weekes* (1980) 74 Cr App R 161…. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity**

**as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, *Wood* (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.**

**Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where, however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance' (*Dickinson* [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus, in *Nooy* (1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said:**

**There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences."**

U Archbold, f'**Criminal *Pleading, Evidence and Practice*, 2001** (para. 5-174, p. 571) jikkummenta hekk:

**"Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation, but which is significantly more severe than has been**

**imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: 'would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice?' (per Lawton L.J. in *R. v. Fawcett*, 5 Cr. App.R.(S) 158 C.A.). The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.). There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion: see *R.v. Stroud*, 65 Cr. App.R. 150, C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as *R. v. Wood,* 5 Cr.App.R.(S) 381. C.A., *Fawcett*, ante, and *Broadbridge*, ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in *Fawcett* is satisfied."**

Fil-kaz in ezami huwa veru li hemm disparita` bejn il-piena li nghatat lill-appellant Karim u dik li nghatat lill-ko-imputat Zammit izda hemm ukoll differenza kbira bejn in-numru ta' reati li dwarhom instab hati Karim u dawk li dwarhom instab hati Zammit. Barra minn hekk, kuntrarjament ghal Karim, il-ko-imputat Zammit seta' jibbenefika mill-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali. Kwantu mbaghad id-disparita` li l-appellant jghid li hemm bejn il-piena nflitta fuqu u dik inflitta fis-sentenzi li huwa rrefera ghalihom, jinghad l-ewwelnett illi dawn it-tipi ta' paraguni huma odjuzi u c-cirkostanzi fis-sentenzi citati huma differenti minn dawk hawn in ezami. Imbaghad bizzejjed jinghad illi fis-sentenza **Il-Pulizija v. Nicola Farrugia et**, wiehed mill-imputati, u cioe` John Bugeja, kellu s-sentenza ta' <u>sitt snin</u> prigunerija kkonfermata, u imputat

iehor, u cioe` Loreto Bonello, ukoll kellu s-sentenza ta' hames snin prigunerija kkonfermata.

Kwantu ghall-ilmenti l-ohra ta' l-appellant jirrizulta illi l-ewwel Qorti hadet konjizzjoni tal-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija. Inoltre kienet ferm konxja ta' l-eta` ta' l-appellant u difatti kkummentat dwar kemm huwa allarmanti n-numru ta' reati ppruvati fil-konfront ta' Karim "specjalment ta' eta` daqshekk zghira".

Kwantu ghall-ammissjoni li jghid li rregistra jinghad l-ewwelnett illi fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

Issa, f'dan il-kaz l-appellant Karim ammetta diversi reati mal-Pulizija izda meta tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati ddikjara ruhu mhux hati u ghamel ammissjoni limitata biss wara li l-prosekuzzjoni kienet ikkonkludiet il-provi taghha. Ghalhekk m'ghandu jibbenefika minn ebda tnaqqis minhabba xi forma ta' ammissjoni tieghu.

L-appellant jghid li ghandu fedina penali netta. Dan mhuwiex minnu peress illi jidher almenu *prima facie* mill-fedina penali aggornata tieghu li fis-26 ta' April 2001 instab hati mill-Qorti tal-Magistrati talli fid-19 ta' Frar 2001 ghall-habta tad-9.30 p.m. waqt li kien fi Triq Iz-Zaghfran, Attard, minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew hwejjeg ohra ibsin (arma li taqta' u bil-ponta, sikkina) jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra persuna u gie kkundannat Lm10 *ammenda*. Inoltre fit-13 ta'

Novembru 2001 instab hati mill-Qorti tal-Magistrati talli fil-25 ta’ Settembru 2001 ghall-habta ta’ l-4.15 p.m. hdejn il-Palazz Verdala, Rabat, ikkommetta serq semplici ta’ camera tar-ritratti ta’ valur ta’ Lm10 u nghata *conditional discharge* ghal sentejn. Fil-kaz odjern imbaghad jirrizulta bla dubju ta’ xejn li l-appellant, kif jghidu bl-Ingliz, *“went on a rampage”* u kkommetta sensiela interminabbli ta’ serqiet ta’ u minn vetturi, tentattiv ta’ serq kif ukoll serq ta’ basktijiet f’kazijiet ta’ *“snatch and grab”* u dan b’nonkuranza ghall-inkolumita` tal-persuni involuti, tant li almenu f’kaz wiehed turist Ingliz anzjan safa mwegga’, u ghat-trawma li ghadda l-persuni l-ohra kollha minnha. Din il-Qorti taqbel ukoll mal-preokkupazzjoni li rregistrat l-ewwel Qorti b’referenza ghas-*social inquiry report* meta qalet li l-appellant ghandu atteggjament ferm negattiv lejn l-awtorita` u kkummentat li xejn minn dak ir-rapport “ma jispjega, jiggustifika jew b’xi mod jattenwa l-azzjonijiet” tieghu.

Il-konsiderazzjonijiet imressqa mill-appellant fir-rikors ta’ appell tieghu u fis-sottomissjonijiet orali tad-difiza ma jistghu jikkontrobilancjaw b’ebda mod l-allarm socjali li hu, f’xi kazijiet flimkien mal-ko-imputat l-iehor, ikkaguna bil-ksur sfrenat tal-ligi li ghalih issa jrid jaghmel il-kontijiet tieghu mas-socjeta`. It-tnehhija tieghu mis-socjeta` hija mehtiega ghall-protezzjoni tas-socjeta` u sabiex fl-istess hin l-awtoritajiet tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin ikunu jistghu jipprovdulu l-ghajnuna li ghandu bzonn, inkluza dik psikologika.

Ghalhekk l-appell ta’ Omar Abdul Karim qieghed jigi michud.

<u>L-appell ta’ Sean Zammit</u>

L-aggravji ta’ l-appellant Sean Zammit huma fil-qosor is-segwenti: (1) Dwar l-imputazzjonijiet (c) u (d), ix-xhud principali Colin Portelli mhuwiex kredibbli minhabba konflitt fil-verzjonijiet li ta; (2) Dwar l-imputazzjoni (g) l-ewwel Qorti kellha tapplika l-principju *in dubio pro reo* minhabba inkonsistenzi f’dak li xehdu P.C. 1337 u P.C. 631; (3) Dwar l-imputazzjoni (x) il-prosekuzzjoni ma

ppruvatx il-kaz taghha minghajr dubju ragjonevoli; (4) Dwar l-imputazzjoni (ee) il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova n-*nexus* bejn l-appellant u u s-serq tal-vetturi msemmija fl-imputazzjonijiet (d) u (g); (5) Dwar l-imputazzjoni (ff), b'referenza ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Elton George Spiteri** fit-23 ta' Marzu 2007, l-appellant ma kellux jinstab hati; (6) Dwar l-imputazzjoni (gg) b'referenza ghall-istess sentenza ma kellux l-anqas jinstab hati tar-reat kontemplat fl-imsemmija imputazzjoni; (7) Dwar l-imputazzjoni (hh) minn imkien ma jirrizulta li xi hadd rah isuq xi vettura u ghalhekk ghandu jigi lliberat minnha; (8) Minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il-piena nflitta kienet oneruza hafna meta jitqies illi l-fedina penali tieghu kienet nadifa, kellu sbatax-il sena, diga` skonta disa' xhur prigunerija effettivi, u ilu erba' snin taht *house arrest*. Inoltre ma kellux jinstab hati, fl-imputazzjonijiet relevanti, tal-kwalifika tal-mezz u fir-rigward ta' l-imputazzjoni (x) ma jirrizultax il-valur.

L-aggravji principali ta' l-appellant inkluz l-ahhar ilment tieghu dwar il-kwalifiki ta' mezz u ta' valur fejn applikabbli jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall--konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida,

jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[2].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury**

---

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Jinghad l-ewwelnett illi l-ewwel Qorti kellha l-vantagg li <u>tara u tisma'</u> x-xhieda kollha, kellha l-opportunita` tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u tiehu kont "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu" u "jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9).

Kwantu ghall-ewwel aggravju, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet illi "irrizulta bla dubju ta' xejn illi Zammit kien ghal kollox kompartecipi fis-serqa li sofra Colin Portelli". L-appellant jikkontendi illi minhabba konflitt fil-

verzjonijiet ta’ Colin Portelli, l-ewwel Qorti ma jmisshiex sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet (c) u (d).

Din il-Qorti ezaminat il-provi relevanti f’dar-rigward li minnhom jirrizulta s-segwenti:

**L-Ispettur Jeffrey Cilia** xehed illi fit-28 ta’ Frar 2004 gie rapportat *snatch and grab* permezz ta’ Fiat Brava ABI-142. Din il-vettura kienet giet rappurtata misruqa minn San Pawl il-Bahar fil-lejl ta’ bejn is-26 u s-27 ta’ Frar 2004 minn Colin Portelli li rrapporta wkoll li matul l-istess lejl kien dahallu xi hadd id-dar tieghu u seraqlu *envelope* bi Lm300, mobile Nokia, ic-cwievet tad-dar kif ukoll ic-cwievet tal-karozza. Fid-29 ta’ Frar gew rapportati zewg *snatch and grabs* ohra bl-uzu ta’ l-istess vettura. Fl-1 ta’ Marzu giet intercettata Toyota li fiha kien hemm l-appellant Zammit, il-ko-imputat Karim u certu Alan Magro. Minn fuq l-appellant Zammit gew elevati tliet cwievet ta’ karozzi, fosthom dik tal-Fiat Brava ABI-142. Dan ix-xhud qal ukoll illi skond Karim, hu u Zammit kienu qed jiehdu *drink* H’Attard u kien hemm Colin Portelli li stedinhom imorru d-dar mieghu. Huma marru u kif illarga naqra serquh. Il-Fiat Brava nstabet H’Attard fejn indikalhom Karim stess u giet sussegwentement identifikata minn Colin Portelli.

**Colin Portelli** xehed illi l-Hamis sbieh il-Gimgha 27 ta’ Frar kien qieghed jixrob f’bar H’Attard fejn iltaqa’ ma zewg guvintur, il-ko-imputati Karim u Zammit, u peress illi l-bar ried jaghlaq offrielhom li jmorru jkomplu jixorbu ghandu. Sakemm mar ibiddel fi hwejjeg kazwali, dawn telqu bic-cwievet tal-karozza, bil-mobile u bi Lm300. Hadulu l-karozza wkoll, Fiat Brava ABI-142. Filghodu rrapporta s-serqa lill-Pulizija. Mistoqsi jikkjarifika ghaliex lill-Pulizija kien qallhom li kien dahallu xi hadd waqt li kien rieqed, qal li kienu qed jixorbu u x’hin dahal biex ibiddel midd rasu u ma qamx dak il-hin. Lill-Pulizija ma qallhomx li kien ha z-zewg guvintur id-dar minhabba l-papa` tieghu li ghandu 81 sena u ma xtaqx jikxef certi affarijiet biex ma joqghodx jinkwetah.

Mix-xiehda ta' Colin Portelli huwa evidenti illi lill-Pulizija ma qallhomx il-verita` li kien hu li ha lill-ko-imputati d-dar tieghu ghal ragunijiet prettament personali u forsi ta' misthija. L-identifikazzjoni li ghamel Colin Portelli ta' l-appellant Zammit u l-ko-imputat Karim bhala l-persuni li ammetta gewwa daru u li serquh kienet cara. Is-serq tal-karozza jirrizulta abbondantement u sahansitra l-uzu ta' l-istess karozza ghal numru ta' *snatch and grabs*. Inoltre, kif anke se naraw, mix-xiehda ta' P.C. 1337 Kevin Curmi u dik ta' P.S. 631 Josef Ciappara jirrizulta li c-cavetta tal-karozza msemmija nstabet fuq il-persuna ta' l-appellant Zammit. Ma kien hemm l-ebda raguni mbaghad ghaliex l-ewwel Qorti ma kellhiex temmen ukoll dak li xehed Colin Portelli dwar l-oggetti l-ohra li nsterqulu, u cioe` l-mobile u l-flus, u li *a tempo vergine* rrapporta n-nuqqas taghhom. Konsegwentement l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi li l-appellant Zammit kien hati ta' l-imputazzjonijiet (c) u (d).

Dwar it-tieni aggravju, l-appellant jirreferi ghal xi inkonsistenzi fix-xiehda ta' P.C. 1337 u P.S. 631 u li minhabba fihom jghid li ma kellux jinstab hati ta' l-imputazzjoni (g), cioe` dik dwar serq ta' vettura Hyundai Accent numru CAF-703.

F'dar-rigward din il-Qorti ezaminat din ix-xiehda:

**P.C. 805 Joseph Galea** xehed illi fl-1 ta' Marzu 2004, wara informazzjoni dwar *snatch and grab* lejn il-Mellieha, mar ma' P.S. 1152 Saliba fl-areja ta' Bugibba peress illi kien hemm informazzjoni li tal-mobile kienu grew wara Hyundai Accent CFR-226 ta' lewn silver. Nizlu minn Triq ic-Cavetta li taghti ghal Triq il-Mazzola u kif nizlu t-triq raw dik il-karozza. Qaghdu hemm u infurmaw li kienu sabu l-karozza. Wara xi hin raw tliet zghazagh nezlin minn Triq ic-Cavetta u ssuspettaw fihom peress illi rawhom iharsu lejn dik il-karozza. Tnejn minnhom rikbu go karozza Toyota QON-111 u wiehed baqa' miexi 'l isfel izda sa dak il-hin ma resqux lejn l-imsemmija vettura. Dawk li kienu rikbu l-karozza daru d-dawra u raw lill-persuna l-ohra li kienet miexja tirkeb ukoll u telqu. Ghaddew l-informazzjoni sabiex titwaqqaf dik il-karozza, kif fil-fatt gara. Dan ix-xhud

indika lill-appellant Zammit bhala l-persuna li ra miexja qisu ghadda minn hdejh.

**P.S. 631 Josef Ciappara** xehed illi fl-1 ta’ Marzu 2004 kellhom informazzjoni dwar *snatch and grab* il-Mellieha b’Hyundai Accent. Ftit wara, P.S. 1152 immarka Hyundai Accent fi Triq il-Mazzola u xi zghazagh fil-vicinanzi taghha li rikbu go vettura QON-111 tat-tip Toyota Corsa bajda. Ix-xhud qal li intercetta din il-karozza Bahar ic-Caghaq ha jaqbdu lejn il-Madliena. Fiha kien hemm iz-zewg ko-imputati u certu Alan Magro. Ghamlu tfittxija fuq il-persuna taghhom u fuq il-persuna ta’ Sean Zammit sabu cavetta ta’ Hyundai Accent u cavetta ta’ Fiat Brava li gew elevati minn P.C. 1337.

**P.C. 1337 Kevin Curmi** xehed illi fl-1 ta’ Marzu 2004 kienu qeghdin jaghmlu patrols minhabba sensiela ta’ *snatch and grabs*. Xi hin kollegi taghhom infurmawhom li kienet ghadha kif telqet karozza Toyota Tercel bajda mill-Qawra b’xi nies suspettuzi fiha. Kif kienu hdejn Kennedy Grove lemhu din il-vettura u segwewha sakemm waslu Bahar ic-Caghaq u waqqfuha qabel ma tinzel lejn is-Swieqi bl-assistenza ta’ karozzi ohra tal-mobile. Mill-karozza hargu tliet persuni. Hu ghamel tfittxija fuq il-persuna ta’ Sean Zammit u eleva minghandu sett cwievet kif ukoll cavetta ta’ Hyundai u cavetta ohra ta’ Fiat.

Minn din ix-xiehda huwa evidenti illi l-inkonsistenzi msemmijin mill-appellant huma biss inkonsistenzi apparenti ossia li bl-ebda mod ma jinfluwixxu fuq il-fatti principali. Il-fatt li xhud wiehed jirreferi ghat-Toyota bhala tat-tip “Corsa” u l-iehor bhala “Tercel”, u l-fatt li wiehed isemmi zewg cwievet u l-iehor isemmi wkoll sett cwievet, ma jnaqqas xejn mill-prova li t-tliet zghazagh intercettati kienu l-istess zghazagh li kienu vicin il-Hyundai Accent fil-Qawra u li <u>minn fuq il-persuna</u> ta’ Sean Zammit giet elevata cavetta ta’ Hyundai li rrizulta li kienet propju tal-Hyundai li kien hemm fil-Qawra, cioe` l-Hyundai Accent li n-numru ta’ registrazzjoni taghha kien CAF-703 (ara xiehda ta’ Brian Farrugia).

Kwantu ghat-tielet aggravju rigwardanti l-imputazzjoni (x), cioe` s-serq ta' baskett kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Doris Bone, hawn ukoll, kuntrarjament ghal dak li jallega l-appellant, l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija. L-ewwel Qorti fil-fatt qalet illi "daqstant iehor huwa ppruvat illi Zammit kellu fil-pussess tieghu (ammess minnu fl-istqarrija) il-mobile ta' Doris Bone." Doris Bone fil-fatt xehdet li fil-baskett li nsterqilha kellha mobile Nokia li s-*serial number* tieghu, kif rizultanti mill-"Conditions of Guarantee" minnha esebit, kien 352938001586168. Dan il-mobile nstab fil-garaxx fejn kien qieghed jghix l-appellant li, mistoqsi waqt l-interrogazzjoni jekk dan u mobile iehor kinux tieghu, wiegeb fl-affermattiv u, mistoqsi minn fejn gabhom, wiegeb li ilhom hafna ghandu u ma jiftakarx. Certament tali dikjarazzjoni mhix kredibbli meta konfrontata max-xiehda ta' Doris Bone, id-dokument minnha provdut u l-fatt li s-serq ta' dan il-mobile kien sehh biss gurnata qabel l-arrest ta' l-appellant.

Ir-raba' sas-seba' aggravji ta' l-appellant jirrigwardaw l-imputazzjonijiet (ee), (ff), (gg) u (hh) kif originarjament addebitati lilu mill-Pulizija Ezekuttiva. Fin-nota ta' l-Avukat Generali tas-27 ta' Gunju 2005 li permezz tieghu rrinvija l-atti ghall-gudizzju mill-Qorti tal-Magistrati u fejn elenka l-artikoli tal-ligi li, skond hu, il-ko-imputati setghu jinstabu hatja, ir-reat kontemplat fil-paragrafu (ee) originali – fejn il-prosekuzzjoni x'aktarx kienet qieghda tipprospetta r-reat kontravvenzjonali kontemplat fir-regolament 34 ta' l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 – ma jiffigurax. Ghalhekk dwar ir-raba' aggravju din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Kwantu ghall-hames u s-sitt aggravji – paragrafi (ff) u (gg) fl-akkuza originali u paragrafi (ee) u (ff) fin-nota ta' l-Avukat Generali – l-abbli prosekutrici aderixxiet ma' dawn l-aggravji. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-gurisprudenza relattiva (senjatament **Il-Pulizija v. Paul Galea**, 17 ta' Ottubru 1997, u **Il-Pulizija v. Elton George Spiteri**, 23 ta' Marzu 2007) tikkondividi s-sottomissjonijiet ta' l-appellant u ssib li dawn l-aggravji ghandhom jigu milqugha. In kwantu mbaghad is-seba' aggravju – paragrafu (hh) fl-akkuza originali u paragrafi (dd) u (gg) fin-nota ta' l-Avukat Generali – hawn ukoll l-

abbli prosekutrici aderixxiet ma' dan l-aggravju. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, taqbel li m'hemm l-ebda prova li in virtu` taghha l-appellant seta' jinstab hati ta' sewqan ta' vettura minghajr licenzja tas-sewqan u konsegwentement minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni. Il-fatt biss li nstabu fuqu c-cwievet ta' zewg karozzi, ghalkemm forsi indikattiv, mhix prova sufficjenti. Ghalhekk anke s-seba' aggravju jimmerita li jigi milqugh. Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Kwantu ghall-ilment ta' l-appellant illi l-ewwel Qorti ma jmisshiex applikat l-artikoli 263, 264, 265 u 266 li jittrattaw serq bi sgass – f'dan il-kaz, ta' vetturi – l-appellant m'ghandux ragun. L-artikolu 265 tal-Kodici Kriminali jinkludi fost l-"imfietah foloz" anke **"l-istess imfietah veri miksubin b'serq"**. U, kif diga` gie ndikat aktar qabel, l-imfietah tal-Fiat Brava nsterqu minghand Colin Portelli. Ghalhekk tezisti l-kwalifika tal-"mezz" fir-rigward ta' l-imputazzjoni paragrafu (d). Kwantu ghas-serq tal-Hyundai Accent – l-imputazzjoni paragrafu (g) – ma gietx addebitata lilu l-kwalifika tal-"mezz".

L-appellant l-anqas ma ghandu ragun fir-rigward ta' l-ilment tieghu li l-kwalifika ta' "valur" ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni paragrafu (x) ma tirrizultax. Id-derubata Doris Bone xehdet li n-nuccali tal-vista li kellha fil-baskett kien gdid u kien xi Lm60 u l-mobile kien xi Lm50 filwaqt illi kellha xi lipstick xi Lm3 u eye shadow pencil li ma tatx valur tieghu. Naturalment kien hemm ukoll il-valur tal-baskett stess u anke c-cavetta tad-dar. Ghalhekk din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-valur tar-refurtiva kien in eccess ta' Lm100.

It-tmien aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant iqis oneruza. Kif diga` nghad aktar 'il fuq, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi

u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[3].

Fir-rigward ta’ l-appellant Sean Zammit, jekk tittiehed il-piena applikabbli ghall-imputazzjoni (d), din hija ta’ prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba’ snin. Imbaghad ma’ din il-piena trid tizdied il-piena ghar-reati l-ohra bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(b). Tenut kont imbaghad tal-fatt li ghandu jigi applikat l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali peress illi l-appellant kellu sbatax-il sena fiz-zmien relattiv, xorta jirrizulta li l-piena nflitta taqa’ fil-parametri tal-ligi, u dan anke bl-eskluzjoni tar-reati li dwarhom l-appellant sejjer jigi dikjarat mhux hati minn din il-Qorti.

L-appellant jghid li l-ewwel Qorti ma tatx piz bizzejjed lil numru ta’ fatturi:

Isemmi l-ewwelnett il-fedina penali nadifa ta’ l-appellant. Din il-Qorti pero` kellha ghad-disposizzjoni l-fedina penali aggornata ta’ l-appellant u minnha jirrizulta, almenu *prima facie*, illi fis-27 ta’ April 2004 inghata *conditional discharge* ghal tliet xhur mill-Qorti tal-Magistrati wara li gie dikjarat hati li fis-27 ta’ Novembru 2003 fid-19.30 fi Triq Hal-Warda, Attard, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied jew b’xi mod iehor mhux imsemmi fil-Kodici Kriminali u li hebb ghal Gordon Lee Chetcuti, persuna minuri, u kkagunalu griehi ta’ natura hafifa. Imbaghad fil-31 ta’ Mejju 2004 rega’ nghata *conditional discharge* ghal sentejn, immultat Lm250 u ordnata s-sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan ghal zmien sena wara li nstab hati mill-Qorti tal-Magistrati li fil-perijodu ta’ bejn it-18 u t-22 ta’ Lulju tas-sena 2003 ikkommetta serq minn gewwa fond f’San Giljan liema serq kien ikkwalifikat bil-valur, bil-hin u bil-persuna, kif ukoll ta’ ricettazzjoni u li saq vettura minghajr licenzja tas-sewqan u minghajr ma kien kopert b’polza tas-sigurta`.

---

[3] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

L-appellant jghid illi fi zmien dan il-kaz huwa kien ghadu minorenni u ghalhekk japplika l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali. L-ewwel Qorti kienet a konoxxenza tal-fatt li l-appellant kien minorenni u difatti hija ddikjarat li Sean Zammit "igawdi l-beneficcju ta' l-eta` tieghu meta kkommetta r-reati li taghhom gie misjub hati" u rreferiet specifikatament ghall-imsemmi artikolu 37.

Jghid ukoll l-appellant illi huwa ilu zmien twil taht *house arrest* u dan ghandu jimmilita favur tieghu. Issa minn ezami tad-digriet li permezz tieghu l-appellant inghata l-helsien mill-arrest – moghti mill-Qorti Kriminali fid-9 ta' Dicembru 2004 – ma jirrizultax li l-appellant kien taht *house arrest* u kellu hinijiet stabbiliti, ghalkemm limitati, li fihom kien liberu li johrog mid-dar. Imbaghad din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazjoni tikkummenta fuq il-kwistjoni ta' *house arrest* fis-sentenza **Il-Pulizija v. Johan Sultana et** tas-26 ta' Jannar 2007 fejn qalet hekk:

**"L-artikolu 22 tal-Kap. 9 jipprovdi ghal tnaqqis minn sentenza ta' prigunerija ta' "kull zmien qabel id-dikjarazzjoni ta' htija u l-kundanna li tulu l-ikkundannat ikun inzamm <u>fil-habs</u> ghar-reat jew reati li tieghu jew taghhom huwa jkun gie hekk misjub hati u kkundannat" (sottolinear ta' din il-Qorti). *House arrest* mhuwiex ekwiparabbli ma' li persuna tkun qed tinzamm "fil-habs". L-hekk imsejjah *house arrest* huwa meqjus biss bhala kondizzjoni fost ohrajn li jinghataw fl-ghoti tal-helsien mill-arrest u strettament ghalhekk li wiehed jitkellem fuq *house arrest* huwa *"a misnomer"*, peress illi ghalkemm huwa minnu illi tali persuna ma tkunx libera illi ticcirkola fil-pajjiz kif trid hi, hija tkun qieghda fis-sigurta` ta' darha minghajr ma tkun qed tiffaccja dak kollu li jfisser "habs". Naturalment xejn ma jostakola li Qorti, fl-ghoti tal-piena, tikkunsidra dan bhala wiehed mill-fatturi li jkun wassalha ghal *quantum* partikolari."**

U fis-sentenza ta' din il-Qorti (kollegjali) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Walter John Cassar** ta' l-4 ta' Ottubru 2007, intqal hekk:

**"L-arrest preventiv jitnaqqas mis-sentenza ta' prigunerija – qabel kienet fakoltattiva ghall-Qorti, illum, wara l-emenda introdotta fl-2002, tali tnaqqis huwa awtomatiku u ma hemmx ghalfejn li l-Qorti toqghod tippronunzja ruhha dwaru – in virtu` ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 22 tal-Kap. 9. Dan l-artikolu jitkellem kjarament dwar *'…kull zmien qabel id-dikjarazzjoni ta' htija li tulu l-ikkundannat ikun inzamm <u>fil-habs</u> ghar-reat jew reati li tieghu jew taghhom huwa jkun gie hekk misjub hati u kundannat…'* (sottolinear ta' din il-Qorti). Fil-kaz ta' l-appellant, wara li huwa kien inghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni, fost ohrajn, li jibqa' jirrisjedi d-dar u ma johrogx hlief ghal certi skopijiet ristretti, hu certament ma baqax <u>mizmum il-habs</u>. L-hekk imsejjah 'house arrest' ma hu xejn ghajr kondizzjoni, li l-imputat jew akkuzat jaccetta li joqghod ghaliha, li tirrestringi, iva, il-movimenti tieghu – bhalma jigri fil-kaz tal-hinijiet tar-rinkazar – izda ma hix arrest f'post ta' detenzjoni skond il-ligi. Tali 'house arrest' jista' koncepibbilment jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' disposizzjonijiet ohra ta' ligi – ad ezempju, id-dewmien fil-proceduri – izda certament ma jistax jitnaqqas taht l-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali."**

Din il-Qorti ma tistax ma tirreferix mill-gdid ghall-kumment gustifikat ta' l-ewwel Qorti meta stqarret li "xejn mis-Social Inquiry Report ma jispjega, jiggustifika jew b'xi mod jattenwa l-azzjonijiet ta' l-akkuzati", u li kienet preokkupata bl-atteggjament negattiv taghhom lejn l-awtorita`. Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk l-appellant Sean Zammit kien jisthoqq piena restrittiva tal-liberta` tieghu ghax irid jifhem hu wkoll li ma jistax jibqa' jikser il-ligi b'impunita`. Tittama ghalhekk illi l-perijodu mqatta' fil-facilita` Korrettiva ta' Kordin jintuza sabiex jigi mghejun jifhem, forsi anke permezz ta' assistenza psikologika, li t-triq li qabad hija dik li twassal ghar-rovina tieghu ghax ikollu jibqa' jbati l-konsegwenzi ta' ghemilu u li, mill-banda l-ohra, hemm min jista' jghinu jbiddel dik it-triq sabiex isir membru dehen tas-socjeta`.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell ta’ Omar Abdul Karim u tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tieghu fl-intier filwaqt illi fir-rigward ta’ Sean Zammit tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet addebitati lilu mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-27 ta’ Gunju 2005 paragrafi (dd), (ee), (ff) u (gg) – u cioe` talli (1) fix-xhur ta’ Jannar, Frar u Marzu 2004 f’dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi wahhal diversi numri foloz fuq diversi vetturi; (2) fl-istess perijodu fuq imsemmi, f’dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza diversi *number plates* foloz fuq diversi vetturi ohra; u (3) fl-istess zmien u cirkostanzi, f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer, saq diversi vetturi minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku; (4) fl-istess zmien u cirkostanzi, f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer, saq diversi vetturi minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni – tiddikjarah mhux hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu sentejn prigunerija li minnhom jitnaqqas l-arrest preventiv u minflok tikkundannah sena u disa’ xhur prigunerija li minnhom jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------